


# It-tieni omelija f'ġieħ Santa Katarina Verġni u Martri ta' San Tumas ta' Villanova OSA

**miġjuba għal Malti u b'xi notamenti tar-Rev. Dr Jonathan Farrugia**

## Daħla

Is-sena l-oħra ppreżentajt bil-Malti l-ewwel minn erba' omeliji li San Tumas ta' Villanova, predikatur Agostinajan ta' fama kbira, ppriedka fl-okkażjoni tal-festa ta' Santa Katarina, li dak iż-żmien kienet il-patruna tal-istudenti Agostinjani. Din is-sena qiegħed nippreżentalkom it-tieni waħda. Din l-omelija hija iqsar mill-ewwel waħda, u fiha madwar daqs żewġ terzi minnha. F'post minnhom, meta jibda jġib xi eżempji, San Tumas jirreferi għall-ewwel omelija, u dan itina x'nifhmu li dawn l-omeliji saru lill-istess udjenza u fl-istess żmien, ladarba hu basar li n-nies setgħu jiftakru dak l-eżempju li kien ġab. Li hemm stramb, però, huwa li ż-żewġ omeliji xi ftit jew wisq jimxu fuq l-istess binarji: it-tnejn jitkellmu fuq it-tliet kuruni tal-qaddisa, it-tnejn iġibu l-istess eżempji u t-tnejn, xi ftit jew wisq, huma mqassmin bl-istess mod. Wieħed jista' jaħseb li huma żewġ omeliji li saru f'żewġ quddisiet differenti nhar il-festa, imma jekk dan kien il-każ, diffiċli kien se jkun hemm l-istess nies għaż-żewġ quddisiet!



*San Tumas ta' Villanova*

Bħal fl-omelija l-oħra, San Tumas juża ħafna drabi versi mill-Iskrittura. Is-sorsi ewlenin huma l-ktieb tas-Salmi, il-ktieb tal-Proverbji, l-Evanġelji u l-Ittri ta' San Pawl. F'każ wieħed biss il-kliem tal-Iskrittura huma mibdulin biex jadattaw aktar għall-kuntest li qiegħed jitkellem dwaru; fil-każijiet l-oħra l-versi huma ppreżentati kif jinsabu fil-Kotba Mqaddsa u t-tifsira oriġinali tagħhom tgħodd għall-kuntest li fihom jużhom.

Bħalma huwa l-istil tiegħu f'diversi omeliji oħra dwar il-qaddisin, San Tumas ma joqgħodx jintilef jirrakkonta l-ħajja – dik iqis li ġa jafuha n-nies li qed jisimgħuh. Minflok jitkellem dwar il-virtujiet tal-qaddisa u kif kattrithom, u jġib eżempji ta' kif min qiegħed jisma jista' hu wkoll jikber f'dawn il-virtujiet bħalma għamlet Katarina. Lejn l-aħħar biss jagħmel xi allużjonijiet żgħar għal xi dettalji magħrufa fl-aġjografija poplari tagħha: id-disputa mal-għorrief, l-għerusija mistika, il-konverżjoni u l-martirju tal-għorrief, ta' Fawstija, ta' Porfirju u tas-suldati tiegħu, u l-ħalib li joħroġ minnflok demm minn għonqha. Dan tal-aħħar għandu miegħu spjegazzjoni



*Il-Qtugħ ir-ras ta' Santa Katarina V.M. fejn b'miraklu minflok demm ħareġ ħalib*

sabiħa mmens fejn dan id-dettall huwa mqabbel ma dak li jingħad li ġara meta nqatel San Pawl, u l-ħalib huwa mqabbel mat-tagħlim li kapaċi jifhmu kulħadd li xerrdu kemm San Pawl kif ukoll Santa Katarina V.M.

L-istess kif insibu fl-ewwel omelija, San Tumas jagħmel referenza għat-teorija tal-filosfu Platun meta jitkellem fuq ir-ruħ maqsuma fi tliet partijiet. Dan il-fatt huwa kurjuż għax naraw li mas-sorsi ewlenin li uża biex sawwar dawn l-omeliji – li kienu l-Iskrittura u l-aġjografija – ma ddejjaqx iżid il-filosofija, xhieda tal-għerf tiegħu u anke tal-konvinzjoni li l-filosofija, għalkemm pagana, xorta għandha punti validi għall-insara.

Fl-aħħar nett ngħidu li milli nistgħu nifhmu San Tumas ma kellux għad-dispożizzjoni tiegħu l-istess ammont ta' ħin biex jagħti din l-omelija bħalma kellu għall-ewwel waħda, mhux biss għax hi iqsar, imma wkoll għax xi punti li fl-ewwel waħda jidħol fihom f'ċerti dettall, f'din, speċjalment lejn l-aħħar, kemm isemmihom ta' malajr u fil-qosor. L-għeluq tal-omelija donnu fih xi ħaġa nieqsa għax jaqta' ħesrem. Madanakollu, l-omelija xorta waħda fiha tagħlim sabiħ fuq kif kulħadd jista' jixbaħ lit-tfajla qaddisa tant maħbuba, u tkompli ttina ħjiel ta' kif kienu jħarsu lejha qaddisin oħra li għexu aktar minn elf sena warajha.

**It-Tieni Omelija f'ġieħ Santa Katarina Verġni u Martri**

"Ħafna nisa wrew ħila kbira imma inti lkoll għaddejthom." (Prov 31:29)

**Ix-xejn tal-ġid tad-dinja**

1. Se nitkellem fuq tliet affarijiet, kif għamilt fl-omeija ta' qabel: l-ewwel nett, mhux se nitkellem fuq il-ġid li jgħaddi, għax dan mhux ġid tassew, u lanqas ma jixraq li wieħed ifaddlu; dan mhux ġid għal tliet raġunijiet: għax l-ewwel nett ma jiswa' xejn, it-tieni għax jikkonsisti f'affarijiet li mhumiex tar-ruħ, u t-tielet għax, malajr jgħaddi u ma jservix fit-tul. Il-ġid materjali ma' jiswa xejn: San Bernard jgħidilna: "Xinhuma d-deheb il-fidda aktar minn ramel aħmar u abjad?" Il-profeta Ħabakkuk jgħidilna: "Ħażin għalih min jiġma' dak li mhux tiegħu! Kemm se jdum jgħabbi lilu nnifsu b'ħafna djun?" (Ħab 2:6). Il-ġid tal-art huwa barrani għar-ruħ: X'jiswa

d-deheb għar-ruħ? Li kieku kellek tagħti d-deheb kollu tad-dinja lill-anġlu, dan iqisu biss bħala munzell ġebel. Għalhekk il-profeta Ħabakkuk jerġa' jfakkarna: "Ħażin għalih min jiġma' dak li mhux tiegħu!" U l-Mulej jgħidilna fl-evanġelju: "Jekk ma wrejtux ruħkom fidili f'dak li hu ta' ħaddieħor, min se jagħtikom dak li hu tagħkom?" (Lq 16:12). Ejjew inġibu eżempju: niftakru fir-raġel li semmejna fl-omelija l-oħra.[1] Salamun jgħidilna: "X'jiswew il-flus f'id l-iblah? Se jixtri bihom l-għerf, jekk m'għandux moħħ?" (Prov 17:16). Li kieku l-għerf jista' jinxtara forsi kien jiswa għal xi ħaġa, imma ma jistax jinxtara! Il-ġid materjali mhux ġid għax malajr jgħaddi u ma jservix fit-tul: x'jiswa li tgħaddi ħajtek tinqered biex tfaddal imbagħad tħalli din il-ħajja? Tibni dar, u tmut; tiret il-ġid ta' ħaddieħor u malajr jasal żmienek li titlaq. Ejjew inġibu eżempju ieħor: naħsbu f'raġel li għandu jiġi mkeċċi jgħix fi gżira għal żmien twil. X'se jiswielu ġidu għax kif se jużah waħdu fuq il-gżira? L-evanġelju jkellimna fuq dak ir-raġel li kien jaħseb li għandu l-flus u qal: "'Ruħi, għandek ħażna kbira ta' ġid għal bosta snin; mela strieħ, kul, ixrob, ixxala!' Iżda qallu Alla, 'Iblah li int! Dan il-lejl stess jitolbuk ruħek lura. U l-ħwejjeġ li ħejjejt għalik, ta' min ikunu?' Hekk jiġrilu min jiġma' l-ġid għalih innifsu bla ma jistagħna quddiem Alla" (Lq 12:19-21).

X'qerq u x'ħasra li taħli ħajtek kollha tiġma' ġid bħal dan! Is-salmista jgħidilna: "Dawk kollha li huma boloħ f'qalbhom tħawdu. Huma lkoll waqgħu f'raqda, u l-bnedmin għanja ma sabu xejn f'idejhom" (Salm 76:6).[2] F'salm ieħor jgħidilna: "Malli toħroġ ruħu, lejn l-art jerġa' jmur; jintemmu dakinhar ħsibijietu" (Salm 146:4). Imma issa huwa tard wisq biex wieħed jinduna li tqarraq. Għaldaqstant mhux se nkellimkom fuq il-ġid tal-art, għax dan mhu ġid xejn, u għax min ħsiebu biex iġemmgħu qiegħed  imaqdar lilu nnfisu. San Pawl iwissina: "Imma dawk li jridu jistagħnew jaqgħu fit-tiġrib u fix-xibka u f'ħafna xewqat bla sens u ta' ħsara li jitfgħu lill-bnedmin fil-qerda u t-telfien. Għax ir-regħba għall-flus hi l-għerq ta' kull ħażen; kien ħtija ta' din ir-regħba li xi wħud ħarġu barra mit-triq tal-fidi u nfnew b'niket kbir" (1 Tim 6:9-10).

## Kif insibu l-ġid spiritwali

2. Bħala bint sultan, Katarina setgħet kellha kemm riedet minn dan il-ġid, imma hi qiesitu bħala ħmieġ; kellha forom oħra ta' ġid aħjar, ġid natural, ġid li kisbet u ġid li ngħatalha. Il-ġid naturali li kellha kienu l-intelliġenza, l-għerf u kwalitajiet simili aktar min-nisa kollha ta' żmienha. Il-ġid li kisbet kien jikkonsisti fil-virtù u fl-għarfien. Il-ġid li ngħatalha kienu d-doni u l-grazzja. Dan huwa l-ġid tassew li l-Mulej iħeġġiġna nfaddlu: "Tgeddsux għalikom teżori f'din id-dinja, fejn kollox jitmermer bil-kamla u s-sadid, u fejn il-ħallelin jinfdu u jisirqu. Iżda ġemmgħu għalikom teżori fis-sema, fejn xejn ma jitmermer u la bil-kamla u lanqas bis-sadid, u fejn ma hemmx ħallelin jinfdu u jisirqu" (Mt 6:19-20); dan huwa l-ġid li l-qaddisin ħadu tant ħsieb li jġemmgħu.

Imma kif għamluh dan? Għamluh b'diversi modi: l-istess kif xi ġid tal-art jiġi akkwistat permezz tas-servizz lil xi ħadd importanti, ġid ieħor jiġi mill-kummerċ u ġid ieħor jiġi mix-xogħol tal-art, daqstant ieħor xi qaddisin stagħnew billi taw is-servizz lil Alla, bħal dawk li ħaddnu l-ħajja

[1] Fl-ewwel omelija kien ġab eżempju ta' raġel maħmuġ, maledukat u korrott li billi kellu kaxxa deheb xorta waħda dan ma kienx se jibdlu fi bniedem aħjar.

[2] Il-verżjoni tal-Bibbja bil-Malti tgħid: "L-irġiel ta' qalbhom qawwija tilfu l-priża tagħhom; il-gwerriera qalbiena waqgħu f'raqda, idejhom tmewtulhom." Hawn Tumas jidher li qiegħed jadatta l-kliem tas-salm skont l-esiġenza li ħass fl-omelija. Tajjeb niftakru li l-omeliji kienu jsiru bl-amment u fl-versi mill-Iskrittura kienu jingħadu mill-memorja, għalhekk ma kienx wisq barra min-normal biex il-kliem jinbidel skont il-bżonn.

reliġjuża, telqu kollox u taw lilhom infushom għas-servizz lil Alla, għax jafu sewwa li Alla huwa kbir u li l-ħlas li jagħti għal servizz bħal dan huwa kbir tassew ukoll. Jekk is-slaten u l-ħakkiema ma jridux lill-qaddejja tagħhom għarwenin, jew lebsin ħwejjeġ imqattgħin, x'taħsbu li jrid Alla għal dawk li jaqduh? "Il-qaddejja kollha għandhom żewġt ilbiesi" (Prov 31:21), jiġifieri, huma mlibbsa bil-virtujiet u bil-grazzja f'dan it-turufnament, u "fis-smewwiet il-ġusti għad jiddu bħax-xemx" (Mt 13:43); araw, x'kuruna ta' rand għandu lesta l-Mulej għal dawk li jaqduh! Alla jippremja għax hu Alla; għalhekk jgħid: "Jekk xi ħadd irid jaqdini, hu għandu jimxi warajja; u fejn inkun jien, hemm ukoll ikun il-qaddej tiegħi. Min jaqdi lili, il-Missier jagħtih ġieħ" (Ġw 12:26).

Qaddisin oħrajn jistagħnew billi jagħmlu l-kummerċ fis-saltna tas-smewwiet, bħas-saċerdoti u l-predikaturi. Fl-evanġelju, dawn jiġu mxebbħa ma' min jinnegozja bit-talenti tal-Mulej, u n-negozju huwa f'affarijiet ta' valur, mhux fid-deheb jew fil-fidda, imma fl-erwieħ, li għalihom il-Mulej kollu għerf ta ħajtu u demmu; u għax ma hemm ħadd li ma rċeviex imqar talent wieħed mingħand Alla – min irċieva l-flus, min irċieva l-prestiġju u l-qawwa, min irċieva d-don tat-tmexxija – aħna lkoll irċevejna l-ordni "Ħaddmuhom, sa ma nerġa' niġi" (Lq 19:13). Imma ma min għandna nħaddmuhom? Inħaddmuhom mal-Mulej stess, ħaddmuhom miegħi, jgħidilna: jien nagħti mgħaxx tajjeb, mija għal kull wieħed, u jien nagħti l-ħajja ta' dejjem, waqt li hawn biżżejjed tieħdu wieħed għal kull mija; u dan il-kummerċ huwa tassew garantit u żgur: "Is-sema u l-art jgħaddu, imma kliemi ma jgħaddix" (Mt 24:35). Imma kif nistgħu nagħmlu dan-negozju? Kullimkien, jgħidilna l-Mulej, għax kullimkien għandi l-fqar fil-bżonn, għeżież qaddejja tiegħi; u dak kollu li tagħtu lill-iżgħar minn dawk, tkunu qed ittuh lili. Negozju bħal dan qatt ma nstema'! Aħna ninnegozjaw bil-flus tiegħu, u l-profitt nieħduh aħna!

3. Oħrajn isiru sinjuri billi jaħdmu l-art. L-appostlu jgħidilna dwar dawn: "Titqarrqux; Alla ma jidħak bih ħadd. Dak li bniedem jiżra', dak huwa jaħsad. Min jiżra' f'ġismu jaħsad mill-ġisem it-taħsir; min jiżra' fl-ispirtu, jaħsad mill-ispirtu l-ħajja ta' dejjem" (Gal 6:7-8). Kull min jitlob, kull min jaqra, kull min irodd ħajr, kull min jaħseb f'affarijiet tajbin, kull min ikollu xewqat tajba, kull min jagħmel opri tajba, dan hu dak li jiżra fl-ispirtu. Tmaqdrux it-talb u l-karità; dawn huma żerriegħa, u għalkemm jistgħu jidhru żgħar, fihom iġorru frott kbir. Fis-salmi naraw: "In-nisel tiegħu jkun qawwi fuq l-art" (Salm 112:2). Fuq din is-silta missierna l-qaddis Wistin jikkummenta:

> Iż-żerriegħa għall-ħsad li għad irid isir huma l-opri tal-ħniena, kif jgħidilna l-appostlu: "Ma negħjew qatt nagħmlu l-ġid; għax jekk ma naqtgħux qalbna, naħsdu fi żmienu" (Gal 6:9); u f'post ieħor jgħidilna: "Jien dan ngħid: min jiżra' ftit, jaħsad ftit" (2 Kor 9:6). Għeżież ħuti, x'hemm aktar qawwi minn dan, li mhux biss Żakkew seta' jixtri s-saltna tas-smewwiet b'nofs ġidu, imma wkoll l-armla fqira setgħet tixtri l-istess saltna biż-żewġ muniti żgħar tagħha, u li t-tnejn kisbu l-istess ġid indaqs? X'hemm aktar qawwi minn dan, li l-istess saltna tista' tkun tiswa daqs it-teżor ta' raġel għani u fl-istess ħin tiswa' daqs tazza ilma frisk lil wieħed fqir?[3]

Kemm għandhom qawwa dawn l-għotjiet ta' karità! Int tagħti munita, u int tirċievi s-saltna; azzjoni żgħira li tagħmel għall-imħabba lejn il-fqir, xi Ave Maria li tista' tgħid għall-bżonnijiet ta' xi ħadd... u dawn ma tirċevix għalihom bħala premju d-dinja kollha, imma tirċievi s-saltna ta' Alla!

---

[3] *Enarratio in Psalmum 112,* 3.

**L-għażż tagħna biex niksbu l-ġid spiritwali**
B'dal-mod il-qaddisin ġemmgħu t-teżori tagħhom, b'dal-mod ħadmu; aħna, mill-banda l-oħra, foqra għax ma nixtiequx naħdmu. Kif jista' jkun li wasalna f'dan l-istat ta' faqar meta Alla huwa daqshekk għani, u jieħu tant gost jagħti, u hu tant ġeneruż, jekk mhux għax aħna ma nimpenjawx iwrieħna u għax niskartaw ix-xogħol? Alla ma jixtieqx jagħti l-ġawhar lill-ħnieżer, ma jmorrux dawn jgħaffġu fuqhom; u daqstant ieħor ma jixtieqx jagħti lilu nnifsu lil dawk li jwarrbuh. San Bernard jgħid: kemm hija ħaġa tal-mistħija li l-bnedmin tad-dinja jgħadduna fl-impenn tagħhom biex jiksbu l-ġid tal-art, lilna li suppost nistinkaw biex niksbu l-ġid tas-sema. Kemm jegħreq u jistinka l-bidwi, u kemm jissaporti sħana u kesħa! Kemm iħabbtu wiċċhom ma taħbit is-suldat u n-negozjant biex jiksbu ġid li jgħaddi! U aħna? Ma nagħmlu xejn biex niksbu l-ġid ta' dejjem? Iż-żmien qasir li jingħatalna biex inġemmgħu dal-ġid, jiġifieri din il-ħajja ta' issa, għandu jqanqalna biex ma ninħlewx; għax fl-eternità mhu se jkollna xejn ħlief dak li nġemmgħu hawn. Aħsbu ftit fuq il-glorja, il-qima, l-ubbidjenza li qed igawdu l-henjin fil-ġenna; imma ma jistgħu jżidu xejn aktar, anqas l-iċken punt, għax issa jinsabu aktar 'il hemm mill-istat li fih jistgħu jkomplu jġemmgħu. Il-Mulej jgħidilna: "Ħaddmuhom sa ma nerġa' niġi." Ejjew naħdmu sakemm għadu l-jum, sakemm il-jiem tal-festa jtulu; il-lejl għad jiġi, meta ħadd ma jista' jaħdem (cfr Ġw 9:4). Jekk il-henjin jingħataw siegħa waħda oħra biex jiksbu dan il-ġid, minjaf kemm jistinkaw fiha! Inġibu eżempju: San Pawl, li, wara li kien ra l-ġenna f'viżjoni, baqa' jistinka lejl u nhar. Lanqas deherlu għal mument wieħed biss li l-ġenna kien ġa laħaqha, u jgħidilna "imma ħaġa waħda ngħid: waqt li ninsa 'l ta' warajja kollu, jiena nagħmel ħilti kollha biex nilħaq dak li hemm quddiemi; niġri 'l quddiem lejn it-tmiem, biex nikseb il-premju li għalih Alla qed isejħilna hemm fuq fi Kristu Ġesù" (Fil 3:13-14). Għalhekk, il-qaddisin kollha ġemmgħu il-ġid b'modi differenti, u saru sinjuri permezz tal-ħidma.

**Il-ġid spiritwali ta' Katarina**
4. Imma int, o Katarina, għaddejthom ilkoll. L-ebda qaddisa oħra ma hi akbar fil-glorja minn din il-verġni l-aktar qaddisa. Ix-xhieda tal-Knisja, il-festa, id-devozzjoni popolari, u l-ġieħ kbir li bih Alla għolliha aktar 'il fuq minn kemm huma l-qaddisin f'din id-dinja huma kollha xhieda ta' dan; u dan nixtieq li nurih b'mod ċar.

Fost il-qaddisin, nemmen li hemm tliet kategoriji li jgawdu aktar glorja: l-ewwel, il-martri, għall-imħabba kbira tagħhom. Għax "Ħadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu" (Ġw 15:13) għal Kristu. X'nistgħu nagħmlu aktar għal Alla? F'dan aħna ngħaddu saħansitra lill-anġli, għax ħadd minnhom qatt ma nqatel għal Alla. Il-Knisja tgħidilna: liema leħen, liema lsien jista' jsemmi l-premjijiet li int ħejjejt għall-martri tiegħek? Għax b'demmhom aħmar iċarċar saru tassew għonja, mlibbsin kuruni mill-aktar leqqiena. It-tieni kategorija huma l-konfessuri, li nemmen li dawn jimxu wara l-martri fil-glorja kbira tas-smewwiet: għax permezz tal-frott kotran tal-predikazzjoni tagħhom id-dinja setgħet tikkonverti lejn Alla; li wieħed idawwal lil ħaddieħor hija l-għola forma ta' perfezzjoni. L-evanġelju jgħidilna: "Hieni dak il-qaddej li sidu jiġi u jsibu jaqdi dmiru. Tassew, ngħidilkom, li jafdalu ġidu kollu f'idejh" (Mt 24:46-47). "Imma min iħares kliemi u jgħallimhom, dan kbir jissejjaħ fis-Saltna tas-Smewwiet" (Mt 5:19). It-tielet kategorija li għandhom glorja kbira fil-ġenna nemmen li huma l-verġni minħabba s-safa ta' ħajjiethom. San Ġrolmu jikteb li hija kwalità tal-anġli li tgħix imwarrab mill-ġisem waqt li għadek fil-ġisem. Fuq dawn il-profeta Iżaija jgħid: "Ma jgħidx l-ewnuku: 'Arawni, jiena siġra niexfa!' Għax dan jgħid il-Mulej: 'Għall-ewnuki li jħarsu Sibtijieti, u jagħżlu dak li jogħġob lili, u jżomm sħiħ fil-patt tiegħi, jiena nagħtihom f'dari u swari, nagħtihom monument u isem, xi ħaġa aħjar minn subien u bniet; nagħtihom isem għal dejjem, li ma jitħassar qatt" (Iż 56:3-5).

Għalhekk, lil dawn it-tliet gruppi tingħata kuruna tad-deheb flimkien mal-glorja li lkoll igawdu; għax hemm ferħ kbir fir-rebħa kbira li kisbu, kif jgħidilna Petrus de Palude, minħabba l-atti qaddisa, erojċi u tal-għaġeb li għamlu. Għax hemm tliet partijiet fir-ruħ tal-bniedem: il-parti li tmexxi r-raġuni, il-parti li tmexxi l-aptit u l-parti li tmexxi l-qawwa; fil-parti tar-raġuni l-għola att huwa l-predikazzjoni; fil-parti tal-aptit l-għola huwa s-safa, u f'dik tal-qawwa l-għola huwa l-martirju. Għaldaqstant, jekk dawn it-tliet gruppi huma l-għola li hemm fil-ġenna, u jekk huwa unur li qaddis jew qaddisa jkollhom waħda minn dawn it-tliet kuruni, mela kemm aktar glorjuż huwa min għandu t-tlieta li huma!

**It-tliet kuruni ta' Katarina**

5. Fil-glorja tal-ġenna ma hemm l-ebda qaddisa li għandha t-tliet kuruni, ħlief Katarina; u fost il-qaddisin irġiel ftit ħafna għandhom it-tlieta, bħal Ġwanni l-Battista u, skont xi wħud, l-evanġelisti. O mara glorjuża, li Alla għana bi glorja tant kbira! Imma dan mhux kollox, għax hi għandha dat-tliet kuruni bl-għola grad possibbli; mhux il-kuruni kollha huma ndaqs, kif jgħidilna San Antoninu ta' Firenze. Hi kienet predikatur, u predikatur mill-aqwa; kienet verġni, u verġni kbira, u kienet martri, u martri minn fost l-aktar qalbiena.

O predikatur tant kbira li bi kliemha kkonvertiet tant nies għal Kristu, u li permezz ta' kliemha tant minnhom ħadu l-martrirju! X'viżjoni mill-aktar glorjuża, li naraw verġni tiddibatti ma' tant irġiel mgħallma u kapaċi jitkellmu, sakemm tfixkilhom, u tħallihom mistagħġba u mbellħa! Kemm huwa veru l-kliem: "Mhux intom tkunu li titkellmu, imma l-Ispirtu ta' Missierkom li jitkellem permezz tagħkom" (Mt 10:20). Il-qalb qaddisa tagħha kienet taqbad bħal ħuġġieġa, u minn fommha ħareġ kliem qawwi daqs in-nar; barra minn hekk hi kkonvertiet ukoll lis-sultana u din ukoll saret martri, u kkonvertiet ukoll lil Porfirju flimkien ma tliet mitt suldat, u lkoll saru martri permezz tagħha. Kemm kellha kliema qawwi, li setgħu jkunu ta' persważjoni tant tal-għaġeb! X'elokwenza mill-aktar qawwija! O, int li l-akbar fost il-predikaturi! Kien għalhekk li ndifnet fuq il-Muntanja Sinaj, għax hi li kienet tant mgħallma fil-liġi mqaddsa kien jixraq li ssib il-mistrieħ taħgha fl-istess post fejn il-liġi ngħatat minn Alla: kien ukoll sinjal tal-għerf kbir li kellha li minn għonqha nixxa l-ħalib flok id-demm, ħaġa li skont ma naqraw ġrat biss lil Pawlu, l-imgħallem tal-ġnus; għax dan il-ħalib ifisser it-tagħlim tajjeb li jingħata lill-ulied, jiġifieri, lill-ulied ta' Kristu. Għalhekk l-appostli jgħid: "bħal trabi fi Kristu sqejtkom il-ħalib, mhux ikel, għax ma kontux tifilħu għalih" (1 Kor 3:1-2).

It-tieni, hi kienet verġni mill-aktar magħrufa. Xhieda ta' dan hija d-dehra tal-anġli fil-martirju tagħha, għax is-safa hija dejjem inkurunata mill-anġli; xhieda oħra hija l-fatt li deherilha Kristu u laqagħha bħala l-għarusa tiegħu. Għal din ir-raġuni l-ġisem imqaddes tagħha, dik il-ġawhra mill-aktar prezzuża, ittieħed mill-anġli, mhux mill-bnedmin, u ndifen fuq is-Sinaj; ma kellhiex funeral immexxi mill-kant ta' saċerdot, imma wieħed bil-kant tal-anġli, u kella difna mill-anġli. X'unur tal-għaġeb! Milli naqraw nafu li dan kien sar biss għal Klement. Ġieħ ieħor, li mhu xejn anqas minn dawn li semmejna, huwa li mill-għadam tagħha tnixxi li mirra mill-aktar prezzjuża, għax biha kull mard jitfejjaq. Min, sa mill-ħolqien tad-dinja, ingħata ġieħ bħal dan? Ħadd. L-ilma ħareġ mill-blat, u l-mirra toħroġ minn għadam niexef. O Mulej, kemm tassew tgħolli 'l fuq il-qaddejja tiegħek!

It-tielet: il-martirju tagħha huwa mill-aktar magħruf għal erba' raġunijiet: l-ewwel, għax hi offriet lilha nfisha, ħaġa forsi ma tiskantaniex jekk jagħmilha raġel anzjan, imma hi kienet tfajla għadha żgħira; it-tieni, għax kien martirju mill-aktar ħorox; it-tielet għax bil-martirju fittxew li jkasbruha; u fl-aħħar għax il-martirju tagħha kabbar il-patrunaġġ tagħha fuq tant u tant bnedmin.